# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**ILLUM IT-TLIETA 15 TA' OTTUBRU, 2019.**

**Rikors kostituzzjonali numru 81/2018**

**Onorevoli Adrian Delia bħala Kap tal-Oppożizzjoni u Kap tal-Partit Nazzjonalista**
***v.***
**L-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa provvediment fuq rikors magħmul mill-Onor. Edward Scicluna, l-Onor. Christian Cardona u l-Onor. Konrad Mizzi ["ir-rikorrenti"] biex il-qorti tħassar *contrario imperio* dikriet li bih kienet ordnat it-taħrika tal-istess rikorrenti biex jixhdu u jippreżentaw dokumenti. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attur fil-kwalità tiegħu ta' Kap tal-Oppożizzjoni u Kap tal-Partit Nazzjonalista kien fetaħ din il-kawża b'rikors kostituzzjonali quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex jitlob *inter alia* illi l-konvenut Avukat Ġenerali jippubblika kopja tal-atti ta' inkjesta maġisterjali ["l-inkjesta

*Egrant*"] għax igħid illi n-nuqqas ta' pubblikazzjoni ta' dawk l-atti fiċ-ċirkostanzi jikser il-jeddijiet fundamentali tal-attur imħarsa taħt l-artt. 41 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artt. 10 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

3. Biex isaħħaħ l-argument tiegħu l-attur igħid illi r-rikorrenti tallum għandhom f'idejhom kopja tal-atti tal-inkjesta *Egrant* għax fi tweġiba tagħhom ippreżentata fit-3 ta' Ġunju 2019 fl-atti ta' inkjesta oħra ["l-inkjesta dwar l-isptarijiet"] iċċitaw siltiet li ma humiex pubblikati mill-atti tal-inkjesta *Egrant*. Għalhekk ħarrek bħala xhieda lir-rikorrenti tallum sabiex jippreżentaw kopja ta' dik it-tweġiba kif ukoll "kopja ta' kull dokument li ntuża fl-istess risposta, b'mod partikolari d-dokument minn fejn ġiet ikkwotata s-silta meħuda direttament mir-rapport relattiv għall-inkjesta *Egrant* li ma tifformax parti mill-konklużjonijiet principali pubblikati mill-Avukat Ġenerali, u kif ukoll sabiex jixhed, *inter alia*, dwar il-provenjenza tal-informazzjoni hemm riportata". Din it-talba ntlaqgħet minn din il-qorti b'dikriet tat-23 t'Awissu 2019 u nħarġet it-taħrika relativa tar-rikorrenti biex jixhdu u jġibu magħhom id-dokumenti.

4. Bir-rikors li dwaru qiegħed jingħata dan il-provvediment ir-rikorrenti talbu illi l-qorti tħassar id-dikriet tat-23 t'Awissu 2019. Essenzjalment it-talba hija msejsa fuq żewġ raġunijiet: i. biex titħares il-konfidenzjalità tal-atti tal-inkjesta u ii. biex jitħares id-dritt tagħhom ta' difiża fl-inkjesta dwar l-isptarijiet li fiha tqiesu li huma "persuni suspettati".

5. Dwar l-ewwel raġuni – il-konfidenzjalità tal-inkjesta – il-qorti tosserva li ġà hemm provvediment ta' din il-qorti li, għall-għanijiet ta' din il-kawża, laqa' t-talba biex jitressqu xhieda dwar l-inkjesta u jinġiebu dokumenti relativi. Ir-rikorrenti ma humiex il-persuni leġittimati biex jikkontestaw dak il-provvediment mogħti f'kawża li fiha ma humiex parti, aktar u aktar meta tqis illi dak il-provvediment ingħata f'kontestazzjoni mal-Avukat Ġenerali, li huwa l-persuna leġittimata.

6. Mhux l-istess iżda jista' jingħad dwar it-tieni raġuni: li r-rikorrenti ma jistgħux jiġu mġiegħla jwieġbu għal mistoqsijiet meta t-tweġiba tista' ġġibhom taħt proċess kriminali. Ladarba r-rikorrenti huma "persuni suspettati" għandhom il-jedd illi ma jwiġbux dwar dak li hu marbut ma' dak il-proċess.

7. Fil-każ tallum, ladarba hemm interess leġittimu tal-attur fix-xiehda iżda wkoll interess leġittimu tar-rikorrenti li ma jixhdux u ma jipproduċux id-dokumenti mitluba, huwa kompitu tal-qorti li safejn dan jista' jsir tirrikonċilja dawn l-interessi konfliġġenti.

8. L-interess tal-attur hu li juri li r-rikorrenti tassew iċċitaw siltiet mhux pubblikati mill-inkjesta *Egrant* sabiex fuq dak il-fatt, jekk issir prova tiegħu, isejjes l-argumenti tiegħu. Biex jista' jagħmel din il-prova la jeħtieġ li jixhdu r-rikorrenti u lanqas li jippreżentaw it-tweġiba sħiħa tagħhom, iżda biss dik il-parti fejn iċċitaw silta jew siltiet mill-inkjesta *Egrant*. Dik is-silta jew siltiet, weħedha u maħruġa mill-kuntest tat-tweġiba tar-rikorrenti fl-atti tal-inkjesta dwar l-isptarijiet, ladarba ma hijiex xi ħaġa li qaluha jew għamluha r-rikorrenti ma tista' tkun ta' ebda

preġudizzju għalihom. Għaldaqstant ma tintlaqatx mill-jedd tagħhom li ma jweġbux għal mistoqsijiet meta t-tweġiba tista' ġġibhom taħt proċess kriminali.

9. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma *contrario imperio* d-dikriet tagħha tat-23 t'Awissu 2019 billi tħassru fejn ordnat lir-rikorrenti biex jixhdu u jippreżentaw id-dokumenti hemm imsemmija u, minflok, tordna lir-rikorrenti sabiex fi żmien jumejn min-notifika lilhom ta' dan id-dikriet jippreżentaw dik il-parti biss mit-tweġiba tagħhom tat-3 ta' Ġunju 2019 fl-atti tal-inkjesta dwar l-isptarijiet kull fejn jidhru ċitati siltiet mill-inkjesta *Egrant.*

10. Dan id-dikriet ingħata *in camera* llum 15 ta' Ottubru 2019. Għandu jiġi minnufih notifikat lix-xhieda u għandha wkoll tintbagħat kopja lill-avukati jew prokuraturi legali tal-partijiet fil-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr